**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Omissis**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Omissis, ta' 16-il sena bin Stefan u Rosemarie nee' Calleja imwieled Pieta' fis-26 t'Ottubru 1998 u joqghod 3 'Davidof Court', Flat 12, Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 392498(M);

Talli fl'Lulju 2015 u fil-gimghat immedjatament precedentif'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh li ma jeccedix il-hames mitt ewro (€50) ghad-dannu ta' Nicholas Dimech detentur tal-karta tal-identita' numru 124065(A);

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni uza il-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer;

3) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ Cashlink Visa card tal-BOV, a detriment ta’ Nicholas Dimech;

4) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom u cioe’ Cashlink Visa card tal-BOV, a detriment ta’ Nicholas Dimech;

5) Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat flimkien ma’ habib tieghu kienu ghamlu uzu minn ‘credit card’ ta’ terz, certu Nicolas Dimech. Jirrisulta li din il-‘card’ giet f’idejn il-habib tal-imputat u dawn marru jigbdu flus minn ATM fil-lokalita’ tal-Mellieha, fejn kien ighix il-habib tal-imputat. Huma dehru fuq il-cameras tal-bank jigbdu l-flus mill-magna bl-uzu tal-‘card’ in kwistjoni, u ghalhekk mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija waslu ghaz-zewg imputati li tressqu b’dawn il-proceduri. Wiehed minnhom ammetta mal-ewwel dehra u nghatat sentenza fil-konfront tieghu. L-iehor, l-imputat odjern, ma ammettiex, u ghalhekk il-Qorti semghet il-provi kollha.

Mill-provi prodotti rrisulta li z-zewg zghazagh, li fiz-zmien tar-reat kienu ghadhom it-tnejn minorenni, marru flimkien sal-bank BOV tal-Mellieha u hemmhekk ghamlu uzu minn ‘credit card’ ta’ Nicholas Dimech u gibdu l-ammont ta’ ghoxrin Ewro (€20) darbtejn fl-istess gurnata, ghal total ta’ erbghin Ewro (€40). Il-habib tal-imputat, li ammetta fl-ewwel dehra, qal li l-imputat kien jaf li l-‘card’ li kienu qed jaghmlu uzu minnha ma kienetx taghhom, u huma uzawha darbtejn, darba dahhal il-PIN wiehed minnhom u darb’ohra l-iehor. Il-habib tal-imputat xehed quddiem din il-Qorti u dejjem zamm ferm mal-verzjoni tieghu, anke fl-istqarrija rilaxxata minnu. L-imputat, meta xehed quddiem din il-Qorti, m’ghamel ebda riferenza ghal dan il-kaz, izda xehed biss li hu kien Ambaxxatur taz-zghazagh ghal-lokalita’ ta’ San Pawl il-Bahar, u meta l-awtoritajiet saru jafu b’dan il-kaz, hu tnehha minn din il-kariga.

Il-Qorti m'ghandhiex wisq deliberazzjoni x'taghmel f'dan il-kaz. Min-naha wahda ghandna xhud li ammetta li kien ha 'credit card' ta' terz u ghamel uzu minnha kif gia' spjegat, meta kien fil-kumpanija ta' persuna ohra, l-imputat, u meta qallu car u tond li dik il-'card' ma kienetx tieghu. Min-naha l-ohra ghandna l-imputat li nnega fl-istqarrija li kien jaf li dik il-'card' ma kienetx tal-habib tieghu, u meta xehed quddiem din il-Qorti, qal biss x'kienu l-konsegwenzi li sofra hu minhabba f'dawn il-proceduri kontra tieghu.

In vista ta' dawn il-provi kontra l-imputat, il-Qorti qed issibu hati u tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 284, 285, 308, 309, 310, 334, 337C(1)(i), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**